MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2748/2002

Vodafone Malta Limited

Vs

Roger Attard

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm424.20), hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99420559.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda bil-gurament ta' l-avukat Dr. Michael Grech in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm424.20), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------